# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

April 2023

Network Dinji ta' Talb mal-Papa MALTA

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u **nitolbu biex tixtered il-paċi u n-non-vjolenza billi jitnaqqas l-użu tal-armamenti mill-pajjiżi u miċ-ċittadini.**

**Ninġabar:**
Insib post għall-kwiet u nqatta' ftit ħin fis-silenzju u nħoss il-preżenza t'Alla fija. Naħseb f'nies li qed ibatu minħabba vjolenza jew gwerra f'partijiet differenti tad-dinja u nitolb lil Alla biex jipproteġihom.

**Fatt ċkejken:**



Fl-14 ta' Frar, 2018, Nikolas Cruz ta' 19-il sena fetaħ in-nar fuq studenti u l-għalliema tagħhom fl-Iskola Sekondarja Marjory Stoneman Douglas f'Parkland, Florida. Hu qatel sbatax-il persuna u weġġa' sbatax oħra. Anthony Borges, student ta' 15-il sena, li kien fl-ewwel sena fl-iskola, irnexxielu jsalva madwar 20 student. Huwa qal: "L-ewwel li lmaħt lil dak li kien qiegħed jispara, kien waqt li kien tiela' t-taraġ. Imbagħad waqaf quddiem is-sala, madwar 20 pied 'il bogħod minni. Huwa kien qiegħed jispara l-ħin kollu u jxejjer l-ixkubetta tiegħu 'l quddiem u lura. Ippruvajt nidħol f'waħda mill-klassijiet imma ma rnexxilix. Allura ċċekjajt li l-bieb tal-klassi kien magħluq sewwa u qgħadt quddiemu biex inkun ċert li li dak li kien qed jispara ma jidħolx fil-klassi. Sparali ħames darbiet: f'riġlejja, f'dahri u taħt apti. Ħsibt li kont se mmut. Għadni ma nistax nemmen li bqajt ħaj."

Ftit jiem wara l-massakru tal-14 ta' Frar f'Marjory Stoneman Douglas, l-istudenti għamluha ċara li l-ħsibijiet u t-talb ma kinux biżżejjed għalihom - riedu soluzzjonijiet leġiżlattivi konkreti għall-epidemija tal-*mass shootings* u t-tmiem tal-influwenza tan-*National Rifle Association*.

Fil-fatt, huma nedew l-organizazzjoni *March for Our Lives* bħalha protesta. Probabbli li din baqgħet iktar magħrufa għall-fatt li qanqlet għadd ta' protesti madwar l-Istati Uniti kollha.

Din l-organizzazzjoni qed tkompli xxerred l-għarfien dwar kif nistgħu nwaqqfu l-vjolenza bl-armi. Fost affarijiet oħra, tistinka biex iżżid il-finanzjament għal programmi ta' riċerka dwar il-vjolenza bl-armi tan-nar u biex isiru programmi biex tonqos il-vjolenza.

**Naħseb ftit:**
Nirrealizza li hemm ħafna persuni madwar id-dinja li jsofru ħsara fiżika, intimidazzjoni, priġunerija inġusta u mewt minħabba kunflitti, atti terroristiċi u gwerer? Jien konxju li hemm organizzazzjonijiet li jaħdmu bla heda mingħajr skop ta' qligħ, biex jipprovdu programmi ta' taħriġ għall-ħaddiema biex tonqos il-vjolenza u biex inaqqsu l-użu tal-armi tan-nar fl-ibliet?

**Nitlob:**
Mulej nitolbuk, ipproteġi lil ħutna madwar id-dinja li qed ibatu inġustament minħabba l-vjolenza. Nitolbuk biex tħares u tħeġġeġ lil dawk li jaħdmu għall-paċi u biex irażżnu l-vjolenza.

**Kliem ta' dawl:**

In-nonvjolenza mhix xi ħaġa li tiġi faċilment. Trid titgħallem ma tkunx vjolenti.

*Betty Williams*

**X'nista' nagħmel:**
Kull meta nisma' diskors ta' mibegħda ta' kull tip, naqbeż għall-vittmi u nuri solidarjetà magħhom. Nappoġġja kampanji u organizzazzjonijiet li jsegwu n-non-vjolenza u l-ġustizzja għall-vittmi .